Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Roderick Spiteri]

Vs

Alexander Mifsud

Kumpilazzjoni Numru: 98/18

Illum, 10 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Alexander Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 214780M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Dicembru 2017, gewwa Triq il-Qoton, Naxxar, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' *Simon Abela* f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' *Simon Abela* hekk kif gie iccertifikat minn *Dr. R. Camilleri M.D. Reg No. 3672*, liema offiza iggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem.

2. Bezaq xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu jew halla jew iddepozita xi exkreta materjali ta' l-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi.

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-vittma skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 339(1)(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza, hekk kif xehed **l-Ispettur Roderick Spiteri**, titratta fuq allegat argument li nqala' bejn girien u cioe' l-familja tal-imputat ma' dik tal-parte civile.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda tal-parte civile **Simon Spiteri** li kkonferma li ghandu garaxx biswit dak tal-imputat taht Binja Sajtar, Naxxar. Dan jghid illi hdejn il-garaxx tieghu kien dejjem isib l-awrina u minn dejjem kellu suspett li kien qed jigi mill-istess imputat. Meta dan mar qallu biex ma jkomplix jitfalu huwa jghid illi l-akkuzat qisu ma kienx jimpurtah. Jghid illi wara dak il-fatt, kull meta jarah l-imputat jobzoq ghall-art. Jghid illi dakinhar tal-incident ra lill-mara tal-akkuzat u qalilha biex hu jhallih bil-kwiet. Jghid illi aktar tard meta kien id-dar cemplet il-qanpiena u kien l-akkuzat li minn barra ghajjatlu "pufta" u biex jinzel isfel halli jitkellmu. Jghid illi kif nizel isfel u fetah il-bieb l-akkuzat bezaqlu f'wiccu u kif ra li kien ser itih daqqa ta' ponn, tahielu hu (parte civile) qabel fejn laqtu fuq wiccu. Jghid illi l-akkuzat imbaghad kaxkru u tefghu mal-art u beda jtih bis-safety shoes li kien liebes, fuq idejh. Jghid illi per konsegwenza ta' dan l-incident ghandu dizabilita' permanenti.

It-tifla tal-parte civile Abigail Abela kkonfermat il-fatt illi meta nizlet barra wara li semghu l-ghajjat, rat lil missierha fl-art agonizzanti u l-imputat jaggredih. Din ix-xhieda giet ikkonfermata wkoll mit-tifla l-ohra tal-parte civile Raisa Abela kif ukoll mill-mara tieghu Cynthia Abela fejn tghid ukoll li rat l-akkuzat jaqbad xaghar ir-ragel taghha u habbatlu rasu mal-art.

It-tabib Jason Zammit li kien ra lill-parte civile l-emergenza kkonferma li dan kellu ferita f'idejh li fuqha kellha ssir operazzjoni u li dam hafna xhur jiehu trattament ghaliha. Ovvjament il-griehi kienu klassifikati bhala gravi (Dok. JZX).

A rigward il-permanenza tal-griehi subiti mill-parte civile gie nominat espert tal-ortopedija Mr Frederick Zammit Maemple fejn dan iccertifika illi Simon Abela b'dizabilita' ta' sitta (6) fil-mija (Dok. FZM1).

Finalment xehed l-akkuzat Alexander Mifsud li fi ftit kliem jghid illi huwa mar ikellem lil Simon bil-kelma t-tajba u li Simon stess beda l-glieda billi xhin nizel isfel tah daqqa ta' ponn go ghajnejh. Huwa jghid illi Simon tah ukoll daqqa ta' ponn fuq l-ghajn l-ohra u beda

jidghi. Huwa jghid illi kulma ghamel iddefenda lilu nnifsu billi waqqghu mal-art u beda jzommu. Huwa jghid illi ma tahx l-ebda daqqa. L-akkuzat ipprezenta sett ta' ritratti li juri wiccu wara l-incident.

Fl-ahhar nett xehdet ukoll is-siehba tal-akkuzat <u>Vanessa Sciberras</u> li ma kinitx prezenti ghall-incident izda li kkonfermat li kien mar ikellimha l-parte civile.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti hemm provi cirkostanzjali ohra li jimmeritaw ikunu analizzati.

Illi din il-Qorti setghet tezamina attentament ix-xhieda tal-parte civile u l-familjari tieghu kif ukoll tal-imputat u s-siehba tieghu u tikkonstata illi minghajr ombra ta' dubju l-verzjoni tal-parte civile hija l-aktar veritjiera tenut kont illi dak li qal l-imputat ma jaghmilx sens sal-ahhar u dan ghaliex ma ssibx l-ebda konfort minn provi ohra prodotti.

Illi bhala stat ta' fatt hareg illi l-imputat instab mill-familjari tal-parte civile fuqu u rawh ukoll itih bis-sieq. Illi hareg illi l-parte civile qed isofri minn dizabilita' permanenti f'idejh ta' sitta (6) fil-mija.

Illi l-imputat minn naha tieghu ma sofra kwazi l-ebda griehi hlief hmura madwar ghajn wahda u dan meta fix-xhieda tieghu jghid illi l-imputat tah daqqtejn ta' ponn u mhux wahda. Illi minn naha l-ohra l-imputat inqabad f'kontradizzjoni meta jghid illi huwa ma riedx jaghtih l-ebda daqqa lill-parte civile u kemm zammu mal-art, izda l-griehi tal-istess parte civile li kienu pjuttost gravi u li juru certa forza ma jaqblux ma' din il-verzjoni. Dan kollu jikkombacja ma' dak li qal il-parte civile kif korroborat mill-familjari tieghu illi l-imputat kien qed itih bis-safety shoes li kien liebes.

Ghal dawn il-motivi, qed jitqies illi l-aktar verzjoni kredibbli hekk kif ikkorraborata bil-fatti hija dik tal-parte civile.

Illi a rigward it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi dawn ma gewx ippruvati ghaliex il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova sabiex issostni dawn l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 214, 215, 218 1(a) tal-Kapitolu 9, issib lill-akkuzat Alexander Mifsud hati biss tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti tordna wkoll Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat Alexander Mifsud ghall-hlas ta' spejjez peritali ammontanti ghal tliet mija u hames ewro (€305).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

_______________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**